FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 8 TA' NOVEMBRU, 1996

Avv. Nru. 456/96

The Performing Right Society Limited

vs

John Falzon

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Tnax il-Lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm12.37), in kwantu ghall ghaxar Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm10.75), "royalty" , kif ukoll taxxa fuq il-Valur mizjud fuq l-istess "royalty" fl-ammont ta' Lira u tnejn u sittin centezmu (Lm1.62), dovut bil-quddiem, import tal-fattura datata 17 ta' Mejju, 1996, Dok.A, in konnessjoni mal-licenzja numru 9820, Dok.B, rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Seaside Restaurant, Wied il-Buni, Birzebbugia, ghall-perijodu mis-6 ta' Gunju, 1996 sal-5 ta' Gunju, 1997;

Bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-avviz komprizi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Gunju, 1996, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda tal-P.L. Jonathan De Maria li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tad-dokumenti ezebiti;

In vista li jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni ghadu kollu dovut, kif mitlub fl-avviz; it-Tribunal jilqa t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Tnax il-Lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm12.37);

Bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Gunju, 1996 sad-data tal-eventwali pagament;

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Gunju, 1996, ghandhom jigu sopportati interament mil-konvenut skond il-Ligi.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.

Avv. Dr Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur